**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 8311/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Anthony Aquilina**

**<u>Illum 10 ta' April 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat li l-appellant, **Anthony Aquilina** detenur tal-karta tal-identita Maltija **269468M**, gie imressaq u akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-18 ta' Mejju 2024 ghal habta bejn 1900 hrs u 2000hrs gewwa Birzebbugia f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici krmininali lil Mario Aquilina u Esther Aquilina, jew jekk kien provokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal- provokazzjoni

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Novembru 2024, fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza u kkundannatu jhallas amenda ta' €50 [hamsin Euro] kif ukoll ordnat garanzija

personali ai termini ta' l-Art 383 ghal zmien sena taht penali ta' € 2,300 [elfejn u tlett mitt Euro].

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Anthony Aquilina**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Novembru,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din I-Onorabbli Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezament tal-fatti fejn kien Mario Aquilina li mar jipprovoka lill-appellant u mhux bil- kontra. L-appellant kien wasal minn gurnata xoghol u kien fil- karozza tieghu. L-appellant ma ghamel assolutament xejn. Kien Mario Aquilina li resaq lejn il-vettura ta' l-appellant u sfidah ghal glied meta qallu l-kliem '*trid tghid xi haga*'. Illi qatt ma jista jkun li l-appellant jinsab hati meta hu gie mhedded jew minn ta' l-anqas sfidat ghal glied. Illi fuq kollox l-appellant baqa' fil-vettura tieghu sakem Mario Aquilina resaq 'I hemm. Illi Mario Aquilina jikkonferma li l-appellant fl-ebda hin m'ghamel jew hebb ghalih.

(2) Illi Mario Aquilina jaghti bosta verzjonijiet ta' dak li qallu l- appellant, bil-klassici frazijiet izda I-mara ta' Mario Aquilina tghid l-istess affarjiet minkejja li din wasslet fuq il-post ftit wara. Ma jistax ikun li din tghid li semghet l-affarjiet li jghid Mario Aquilina meta din ma kinietx prezenti. Illi dan juri kif Mario Aquilina mhux veritier. Illi Esther Aquilina harget barra meta Mario Aquilina kien miexi lejn il-vettura tieghu u l-appellant barra l-vettura tieghu. Illi Esther Aquilina tixhed il-falz peress li ma kinietx prezenti. Setghet semghet il-verzjoni ta' Mario Aquilina pero ma kinietx prezenti.

(3) Illi Mario Aquilina kellu skop wiehed biss, ossia li jipprovoka lill- appellant u jdejjaq lil martu - tant u hekk li nhargu akkuzi kontra taghhom it-tnejn. Fil-kaz tal-mara ta' l-appellant, Claire Aquilina, din giet liberata izda meta wiehed ihares lejn l-istqarrija ul- akkuza mill-ewwel jifhem li giet akkuzata ta' xejn. Illi Mario Aquilina minn naha l-ohra wasal biex approfitta mis-sistema billi ghalkemm hu stess jikkonferma li kien hu li mar ikellem lill- appellant qal li dan kelmu hazin u offendih. Wiehed isaqsi b'mod retoriku - ghaliex Mario Aquilina mar jghid il-kliem 'trid tghid xi haga' lill-appellant? U ghaliex Mario Aquilina jghid li l-appellant beda joffendieh u jkellmu hazin meta l-appellant kien gewwa l-vettura tieghu? Illi l-interess u l-motiv mhumiex necessarji sabiex tasal ghall-htija però meta dawn huma daqshekk cari u determinanti, il-Qorti tista' u ghandha tikkunsidrahom fl-ambitu tal-provi kollha mressqa. Pari passu japplika fil-kaz fejn l-interess u l-motiv ta' Mario Aquilina kien car li jisfida lil huh.

(4) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria:** [1]

> "*...che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso...,*"

L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Marzu, 2025.

Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2025.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel lok l-appellant isostni li l-ewwel qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti. Jinghad li din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal: -

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "*properly directed*", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*ghall konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall konklużjonijiet tagħha[2].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal- Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-rtikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Illi ghalhekk din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi imresqa biex traa jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel qorti kienx wiehed *safe and satisfactory.*

Rat l-affidavit ta' **PC 2043 J Chappell** presentat fl-atti waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2024. Din spejgat li fit-18 ta' Mejju 2024 ghal habta tal-22.10 is-sinjur Mario Aquilina flimkien mal-mara tieghu Esther Aquilina rraportaw gewwa l-GBDV Unit il-Hub ta' Santa Lucia fejn gew sabiex jifthu rapport kontra hu Mario Anthony Aquilina u l-mara tieghu Claire Aquilina.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter,** 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace,** 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Mario Aquilina stqar illi ghal habta tas-19. 30p.m kienu hergin hu l-mara tieghu Esther mill-masionette taghhom li jinsab B'Bugia u huh jghix fuqu bibien differenti. Hu u hiereg 'l barra mid-dar semgha il-van ta' huh gej u tefgha quddiem il-bieb. Tefa l-van u Mario kien sejjer ghal karozza illi kienet quddiem imma aktar 'l isfel ipparkjata. Kif wasal mal-hgiega kellu t-tieqa maghluqa imma induna illi kien qed jghid xi haga. Mario baqa' miexi. Dar u staqsih jekk riedx jghidlu xi haga. Dak il-hin Anthony hareg mill-van sabbat il-bieba u infexx jghajru u jkellmu hazin. Beda jghidlu kliem bhal '*pufta f…ommu'*. Sadanitant il-mara tieghu Esther kienet lahqitu ghax kienet mixja warajh u Anthony dar fuqha f'daqqa. Huma baqghu mixjin u Anthony ppunta illi jmur warajhom. F'dak il-hin harget il-mara tieghu fil-gallerija u qaltlu "Hallieh *isa nirrangawkomn mod iehor*."

Mario stqar lli bdew jilletikaw u hawn qallu "Issa *nitkelmu jiena u int'.* Anthony qallu '*Int dejjem hekk paroliu biss ghandek'.* Mario stqarr illi hu u martu spiccaw sejrin u hallewh jitkellem wahdu. Mario stqarr ukoll li dan mhux l-ewwel darba li offendih u anke hemm xi rapport ohra.

Is-sinjura Esther Aquilina giet mitkellma u hija kkoroborat mal-istess versjoni illi tar-ragel taghha Mario. Hija stqarret ukoll li ghandha biza minnu ghax hu ragel illi ma jahsibhomx u billi ghandu van Transit tibza li taqbizlu u jtajjarha jew jghamel xi vendikazzjoni lilha jew lir-ragel taghha. Huma jghixu fuq xulxin u ghalhekk ma jistghux jevitawh.

Hija stqarret illi kien hemm darba lili kien qala' quddiem ommu illi kienet ghadha hajja dak iz-zmien peress illi ilha mejta seba' snin. Kien qallu l-kliem "*Nibqa nibqa sakemm neqirdek."*

Kif jarha barra jirrejzja l-van u tghid ukoll illi ghandu camera fuq id-dashboard tal-van illi mhux suppost jipparkjawh barra peress illi hu *commercial* u jhallih barra quddiem il-bieb. Il-camera qeda diretta fuqhom u xebghu jirraportaw ghax ihossu illi qieghed isegwi l-passi taghhom.

L-itfal tieghu Anthony kien qallhom dawn il-kliem "*Ghaddejjin il-moghoz*." Anthony qallu il- kliem lil Mario "*Jiena naghmillek mma inti ma tasaolx."*

Nhar il-21 ta' Mejju, 2024 ghal habta tal-22.10 Claire Aquilina irrikorriet gewwa il-GBDV Unit GHQ sabiex taghti l-versjoni taghha rigward l-allegazzjonijiet li sar fil-konfront taghha. Wara li nqara r-rapport u giet moghtija id-drittijiet legali taghha ffirmat dikjarazzjoni illi kienet ser taghti l-verjzoni taghha minghajr ma tikkonsulta ma l-avukat tal-fiduzja taghha. Claire stqarret illi innutat lil Mario dak in-nhar illi allega kontrihom cioe nhar it-18 ta' Mejju 2024 illi kien ilu mill-5. 00p.m idur fuq il-bankina ipejjep gol-parapett. Stqarret illi kienet qeda d-dar tnaddaf u Anthony kien ghax-xoghol. Peress illi xi jumejn qabel kienu ircevew illi ghandhom il-Qorti kontrihom fuq ir-rapport illi kienu ghamlu huma kontra Mario hija basret illi kien qed jaghgen xi haga halli jkollha x'tirraporta u joholq kaz.

Fejn is-soltu jokkupa parkegg quddiem id-dar tieghu, din id-darba halih vakanti halli jkun jista' jipparkja Anthony. Dak kien skop halli jkollu iktar cans jaghmel illi ghandu jghamel. Ghal habta ta' xi 19.450p.m weasel Anthony mix-xoghol u hi kienet qeda fil-gallerija tistennih u ratu jipparkja. Kienet qed thares lejh itellgha it-tieqa tan-naha tal-passgier ta' quddiem, fid-daqqa u 'l hin Mario marlu mat-tieqa tan-naha ili kien qed itella u tghid ukoll illi peress illi hija elettronika iddum biex titla, waqt illi dahal rasu kemm setgha mat-tiegha smeghatu jghid " *x'iz.. qed thares*." Anthony qallu "*int bis serjeta ghadni gej, ghadni fil-van.*"

Mario dak il-hin qabad miexi ghad-direzzjoni tal-vettura tieghu illi vera kienet ipparkjata quddiem il-van, dak il-hin harget il-araa tieghu Esther u tghid illi ma rat u semghet xejn ghax dak il-hin harget u bdiet tinbuttah biex jidhol fil-karozza. Kif dahal Mario gol-karozza Anthony hareg mill-van u hi mill-gallerija qalltu. *"Dan x'rega tah. Taghtix kasu issa tiddecidi l-Qorti."*

Ikompli jghid li ghadda minn mal-vann u dahal id-dar minghajr ma kellem lil hadd aktar, kull ma ghamel hareg u dahal gewwa.

Tghid ukoll illi fuq il-cameras illi semmew illi ghandhom fl-vettura ghamluhom ghax bhal ma hemm gja r-rapporti l-ohra illi kienu ghamlu huma biex forsi ma jkollomx aktar bzieq u billi fuq il-van u jekk ikun hemm min jerga jaghmel jinqabad. Tghid illi wara l-cameras il-bzieq naqas.

L-email ghanda fuq il-mobile taghha illi urietu waqt ir-rapport. Claire innutat illi wegghatu zaqqu u semma l-*cameras* illi ghamlu fuq id-*dashboard*. Hemm x'tifhem illi dejqitu l-fatt illi issa jekk jaghmel azzjoni hazina fuqhom hemm xi xhud tal-camera ghax hija stqarret illi ghaliha jista jaghmel kemm irid kullimkien camera hi ma jimpurtaha min hadd u xejn. La ma taghmel xejn hazin ma hemmx x'tahbi.

Nhar il-21 ta' Mejju 2014 Anthony Aqulina stqarr illi dakinhar tat-18 ta' Mejju 2024 ghal habta ta' xi 19.30 pm bejn wiehed u iehor kien ghadu kif wasal mix-xoghol u pparkja ghax kien hemm il-vojt quddiem il-bieb u bejnu u bejn ruhu qal "*Ma hax il-parking hija illum".* Jghid li Mario kien ipparkjat aktar 'isfel quddiem garage tal-garr. Anthony kien qed itellgha *electric window* tal-vettura tan-naha tax-xellug u cioe tal-passigier u sakemm kien qed ihares fejn it-tieqa tielgha halli jkun cert illi inghalqet gie huh Mario mat-tieqa u beda jitkellem hazin bi kliem "Xiz-z… qed thares." U hu stqarr li qallu "*u dan minn gol van. Dabbar rasek 'l hemm u ghamel mossa b'idu biex jitlaq*." Tellgha it-tieqa tan-naha tieghu tal-lemin tal-vettura u sadanitant ra lil Mario igedwed wahdu waqt li kien miexi fid-direzzjoni tal-karozza tieghu imma ghadu jhares fid-direzzjoni ta' Anthony sakemm wasal fuq wara tal-karozza tieghu xi distanza ta' xi tnax-il pied. Filwaqt illi kienet waslet il-mara tieghu Esther u bdiet tinbuttah halli jidhol fil-karozza. Huwa ceda fejn il-vann u fetah il-bieba. Kif rah li kien wasal biex jidhol fil-vettura tieghu Anthony hareg mill-van u semgha lil Mario jghidlu "*Sa tasal tieghek, sa tasal tieghek*" U Anthony rega qallu "*kompli dabbar rasek 'l hemm*."

Sadanitant Esther kienet gja lahqet qasmet ghan-naha taghha biex tidhol fil-karozza. Kif dawwar wiccu sejjer ghal gewwa sab lil Claire ma' wiccu barra tghidlu biex jitla 'l fuq u hallih sejjer. Meta mistoqsi jekk l-allegazzjonijiet illi saru minnhom meta qallu illi huwa kien qal lil Esther dak il-kliem illi allegat huwa nnega u lanqas meta qalet ili qallha jeqridha quddiem ommu.

Anthony stqar illi l-mara tieghu ghaddejja minn biza minnu u sahansitra anke icempillu kul darba illi tasal id-dar u tghidlu ili dahlet gewwa halli isserahhlu rasu. Jghid ukoll illi anke il-vettura taghha taghmilha bil-kontra halli jekk jista jkun ma tiltaqghax mieghu.

Anthony ighid illi dan kollu beda l-aktar meta mietu l-genituri u hemm xi kwistjonjiet mhux mieghu biss izda ma huthom kollha fuq il-wirt. Jghid li ghajja ghaddej minn dan kollu ghax peress li ighixu fejn xulxin irid jarah bilfors. Hemm ukoll drabi illi jkun hemm in-nies halli jaraw il-post biex jinbiegh halli jehilsu minnu u kul darba jghamel l-istorbju u jsammar sew jistartja it-truck jew jaqta' l-fibreglass fuq il-bankina halli igerrex lin-nies.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 38 markata bhala dok JG4 redatta minn PC 2043 Jacqueline Chapell nhar it-18 ta' Mejju 2024 fl-22.19 p.m

Rat ix-xhieda ta' **Mario Aquilina** moghtija nhar it-12 ta' Novembru, 2024. Jghid li nhar it-18 ta' Mejju 2024 kien hiereg mal-mara Esther u kien ghadu kemm wasal Anthony quddiem id-dar tieghu, kien ipparkjat. Huma kienu sejrin ghall-karozza tieghu. Anthony kien ftit metri l-boghod mill-karozza. Dan dawar wiccu kien ghadu gol-vann. Dan dawwar wiccu lejhu beda jghid xi haga bil-hgieg maghluq u ma tisimghux, dar u qallu " *Trid tghidli xi haga*". Hareg beda joffndihom. Dsadanit-tant kient ghada hierga il-mara u dan qal l-ahhar kelma u baqa' sejjer ghal karozza b'hekk ma affrontahx. Jghid li Anthony pprova jaffrontah ghax mar warajh u qallu li kien ser jifqaghhom it-tnejn Imbaghad rikbu u telqu. Beda jghidilhom kliem ta' rabja u ta' indannazzjoni bhal "*f… kemm ghandkom,*" "*ha nifgahkom.*" Jghid li dan il-kliem qalu lilu ghaliex martu dak il-hin kienet ghada warajh qed taghlaq. dakinhar kienu quddiem id-dar fi Triq Luigi Galizia, B'Bugia. Qal li dan kollu sehh ghal habta tas-6.00 p.m, kienu sejrin jieklu. Jghid li Claire harget mill-gallerija u qaltlu "*Ton hallih issa njirrangawh il-qorti*". Jghid li l-inkwiet li ghandu mal-familja bdietu din Claire. Jghid li fl-ebda hin ma resaq lejh.

In kontro-esami jikkonferma li Anthony Aquilina hareg mill-van tieghu u mar ghal fuqu u kieku dar ghalih kienet tghaqqad. Bdew jitkellmu waqt li baqghu mixjin it-tnejn. Jikkonferma li resaq hdejh izda mhux *face to face* ghal glied.

**Esther Aquilina** xehdet nhar it-12 ta' Novembru, 2024 u spjegat li meta harget mid-dar nhat it-18 ta Mejju 2024 filghaxija kien hemm zewgha jistenniha ghax kienu sejrin jieklu u qalet lir-ragel "*ejja imxi halllih*" Anthony qabad u fetah il-bieba u qallha "*ghax*

*daqt nigi nifqaghkom it-tnejn"* Dn il-kliem qalu kemmlilha kif ukoll lil zewghha , Qalet li kul me jarhom jghidilhom xuihaga biex jipprovokom. Tghid li Claire Aquilina bdiet tghajjat mill-gallrija "Ieqaf Ton issa nirrangah il-Qorti". Din dejjem tkun tistennih fil-gallerija ghax dejjem tistennh li ha jaghmel xi haga xhin jasal.

In kontro esami tikkonferm ali meta harget zewghha u Anthony Aquiilna kienu gja bdew jilletikaw. Tghid lil Mario imbuttatu sabiex ma jkomlix jirrispiondih. Qalet l meta kellimha Anthony kien barra l-van u qalla il-kliem li kien ser jifqaghhomit-tnejn bla ma kelmitu. Tikkonferm ali l-van kienipparkjat mal-bankina.

**Anthony Aquilina** xehed minn rajh u b'mod volontarju nhar it-12 ta' Novembru 2024 u spjega li dakinhar tat-18 ta' Mejju 2024 induna li Mario ma kienx ipparkja l-karozza fejn jipparkjaha s-soltu u li ghalhekk kien hemm spazju u qal bejnu u bejn ruhu *"dan 'kien halla l-vojt" ...issa nipparkja hemm."* Ipparkja hemm u sakemm qed ihares lejn it-tieqa ghax titla bid-dawl mhux automatic. Mario mar mal-vann tieghu u beda joffendih u jghid xi kliem li ma setghax jifhem car mill-vann. Beda joffendih u jghidlu "*trid tghid xi haga?*". Huwa dawwar wiccu, tellgha t-tieqa l-ohra u fetah il-bieba sadanitant mar bejn iz-zewg karozzi u dan kien ghadu niezel hdejn il-karozza tieghu jferfer idu u qallu "itlaq l'hemm, hallina daqsxejn ghal kwiet." Jew "hallina fil-paci" ezattament ma jafx x'qal. Huwa kellu l-basket tal-ikel f'idejh hares il fuq u ra lil Claire martu fil-gallerija tara dan kollu, Dar fuq Mario u qallu *"dabbar rasek 'l hemm."* U dar minn wara l-van biex jitla ghal bieb tieghu. Jikkonferma li Mario mar mat-tieqa tieghu meta qallu "Trid tghid xi haga" u joffendih. Jichad li hu offendih. Qal li huma dejjem bit-tensjoni ghaliex jghixu ma' genb xulxin fl-istess blokka. Tant li xtaqu jimmuvjaw.

Claire Aquilina xehdet fl-istess jum u kkonfermat li dakinhar lil Anthony Aquilina qaltlu l-kliem "tatix kasu issa tiddecidi l-Qorti" ghaliex fit-18 ta' Gunju 2024 kellhom kawza il-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti. Il-proskuzzjoni qed tallega li l-appelalnt qabad u ingurja w hedded lil Mario Aquilina meta dan tal-ahhar kellem

lill-apppellant waqt li kien fil-van u dik moghtija mid-difiza li tghid li kien Mario Aquilina li pprovoka lil Anthony Aquilina ghaliex mar fuqu biex kellmu meta kien fil-karozza bit-twieqi imtellghin meta ir-relazzjoni ta' bejniethom hija wahda qarsa b'diversi kwistonijiet u kawzi bejniethom.

Issa, fis-sentenza **<u>Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella</u>** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001) gie kkonfermat li:-

> *"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin bhal f'dan il-kaz, allura isir car li wiehed mill kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant".*

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal

imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-ghodda biex tiddeciedi

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[4]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[5] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *Din il- qorti kellha okk azz joni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal- orti, u oll je i unu familjari ma' da l-ambjent i da j unu qegħdin jixhdu in rebus suis, u a tar meta j unu qegħdin jirra ontaw episodju li għalihom ien trawmati u – ma rat xejn "nevrasteni u" jew isteri u fix-xhieda ta' ohn onello. Id-dis repan i għar bejn ix-xhieda ta' ohn onello u di tal vu at Irene onello, li baqgħu għal emm, if jgħid l-appellant fir-ri ors tiegħu, " gur ellhom ħafna opportunitajiet li jit ellmu bejniethom dwar il- a u jfa ru lil xulxin x'gara da inhar tal allegat incident", a tar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma initx or estrata, u illi t-tnejn xehdu da li fta ru u ienu onesti bi ejjed biex ma "ji orregux il-ver jonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għal emm ellhom o a joni jagħmlu he u għal emm setgħu jobsru illi d-dis repan i x'a tarx ien sejjer jaqbad magħhom l appellant biex*

---

[4] ppell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[5] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*joħloq argument. ifferen i ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmati u huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix 8 konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz.*

Illi mistqarr aktar 'l fuq il-livel ta' prova li trid tilhaq l-prosekuzzjoni hija dik lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Din il-Qorti ma hiex konvinta li l-affarijiet graw kif qed jghid Mario Aquilina u m'ghandhiex is-serhan tal-mohh tikkonkludi w taqbel mal-ewwel Qorti li kien l-appellant li qabad nizel mill-karozza u beda jhedded u jingurja lil huh Mario Aquilina molto piu meta tqis li kien Mario stess li mar fuq Anthony u staqsih "*jekk hu ridx jghidlu xi haga*" meta ra li dak li allegatament kien qal Anthony ma fehmux. Illi dak il-hin Anthony jidher li kien fil-karozza u hareg biss wara li mar ikellmu Mario. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ghanha dubbju jekk dak li stqarr Mario u martu Esther fil-konfront tal-appellant hux verament minnu u ghalhekk din il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onora Imhallef**